4. Il-garaxx internament immarkat bl-ittri "BG" formanti parti minn kumpless garaxxijiet fi Triq Għar il-Ġobon Birkirkara stmat li jiswa €18,635.

L-imsemmija fondi huwa proprjetà ta' Richard (I.D. 481789M) u martu Sharlon (I.D. 305874M) konjugi Cuschieri.

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' April 2007.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Frar, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 27th January 2009 on the application of Mosta Auto Dealer Co Ltd (C 3923) et, Thursday 16th April, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th October, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following properties.

1. Garage internally numbered five (5), underneath apartment block by the name 'Tulip', Triq l-Imgħażel, Swieqi, valued at €20,964.

2. Property number three (3), in Sqaq il-Karmnu, Sliema, valued at €8,153.

3. Garage internally numbered one (1), at basement level in a complex of garages in Naxxar Road, San Ġwann, valued at €55,905.

4. Garage internally marked with the letters "BG" forming part of a complex of garages in Għar il-Ġobon Street, Birkirkara, valued at €18,635.

The said tenements are the property of Richard (I.D. 481789M) and Sharlon (I.D. 305874M) spouses Cuschieri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 17th April 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 27th February, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

363

AVVIŻ

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili
Fl-Atti tas-Subbasta numru 92/07 fl-ismijiet:

HSBC Bank Malta PLC

Vs

S.C. Hire Services Limited

Onor Imħallef Dott. Giannino Caruana Demajo

NOTICE

In the First Hall of the Civil Court
In the records of Judicial Sale by Auction number 92/07 in the names:

HSBC Bank Malta Plc

Vs

S.C. Hire Services Limited

Honourable Mr Justice Dr Giannino Caruana Demajo

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta, 11 ta' Novembru 2008 bil-prezz komplessiv ta' €138,400 favur HSBC Bank Malta PLC rigward il-proprjetà hawn taħt imsemmija u li kienet tappartjeni lil S.C. Hire Services Limited imsemmija fl-istess atti u ċioè:-

1. Appartament, 'penthouse suite' internament immarkata bin-numru disgħa (9), mibnija fuq il-blokk ta' appartament immarkat Blokk 'A' li flimkien ma' Blokk 'B' jifforma 'Rebecca Court', Triq Jean De La Vallette, St. Paul's Bay kompriż is-sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-blokk stmat li jiswa €186,349.87.

2. Appartament, 'penthouse suite' internament mmarkata bin-numru disgħa (9), mibnija fuq il-blokk ta' appartament immarkat Blokk 'B li flimkien ma' Blokk 'A' jifforma 'Rebecca Court', Triq Jean De La Vallette, St. Paul's Bay kompriż is-sehem indiviż mill-partijiet komuni tal-blokk stmat li jiswa €183,554.62.

3. 'Lower Basement Garage' sottopost 'semi-basement' proprjetà ta' terzi, u 'Rebecca Court', li jinsab fi Triq Jean De La Valette, St. Paul's Bay, liema 'Lower Basement Garage' għandu area totali ta' ħames mija u għaxra, punt wieħed żero metri kwadri (510.10mk), stmat li jiswa €279,524.81.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Dott. Kenneth Grima (KI 526858M) għan-nom in rappreżentanza ta' Fenlex Corporate Services Limited kiser il-kwindena u offra €48,000 għal proprjetà numru 1, €47,500 għal proprjetà numru 2 u €65,000 għal proprjetà numru 3 hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjetà hawn fuq imsemmi l-jum tat-Tlieta 14 ta' April 2009 mid-9.00 a.m. sa nofs in-nhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 27 ta' Frar 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Court,

Following the adjudication of Tuesday 11th November 2008 in favour of HSBC Bank Malta PLC for the total price of €138,400 for the hereunder mentioned tenements belonging to S.C. Hire Services Limited mentioned in the same Judicial Acts namely:-

1. Apartment, 'penthouse suite' internally marked number nine (9), built on a block of apartments marked 'Block A' that with 'Block B' forms 'Rebecca Court', Jean De La Valette Street, St. Paul's Bay comprising the undivided share of the common parts of the block valued at €186,349.87.

2. Apartment, 'penthouse suite' internally marked number nine (9), built on a block of apartments marked 'Block B' that with 'Block A' forms 'Rebecca Court', Jean De La Valette Street, St. Paul's Bay comprising the undivided share of the common parts of the block valued at €183,554.62.

3. 'Lower Basement Garage' underlying 'semi-basement' property of third parties, and 'Rebecca Court', found in Jean De La Valette, St. Paul's Bay, which 'Lower Basement Garage' has a total area of five hundred and ten meters squared point one zero (510.10ms), valued at €279,524.81.

Whereas Dr Kenneth Grima (ID 526858M) in name and representation of Fenlex Corporate Services Limited interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €48,000 for the property number 1, €47,500 for the property number 2 and €65,000 for the property number 3 mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday 14th April 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 27th February 2009.

ALAN K.ZERAFA,B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

364

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-5 ta' Frar, 2009 fuq rikors ta' Gasan Enterprises Limited ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 7 ta' April, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet mogħti fid-9 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Il-fond bin-numru tmienja u sittin, (68), fi Triq Żimelli, il-Ħamrun, stmat li jiswa' €67,551.83.

2. Il-garaxx markat mhux uffiċjalment bin-numru wieħed, (1), fi Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, sottopost għall-flat internament immarkat bin-numru wieħed, (1), formanti parti minn blokk ta' flats magħruf bħala Howard Building Block A, stmat li jiswa' €158,397.39.

3. L-Utile Dominium Temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu oriġinali ta' 150 sena li bdew jiddekorru minn Diċembru, 1933, tal-fondi numri wieħed u għoxrin u sebgħa u għoxrin, (21 u 27), fi Triq Żimelli, il-Ħamrun, inkluż il-bitħa fuq wara b'aċċess komuni, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju, stmat li jiswew €260,889.82.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Louis (KI 871952M) u Alberta (KI 810052M) konjuġi Pace.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Marzu, 2005.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Frar, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th February, 2009 on the application of Gasan Enterprises Limited, Tuesday 7th April, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th November, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement numbered sixty eight, (68), Triq Żimelli, Ħamrun, valued at €67,551.83.

2. Garage unofficially marked 1, Pioneer Road, St Paul's Bay, underlying flat internally marked 1, forming part of a block of flats known as Howard Building Block A, valued at €158,397.39.

3. The temporary utile dominium for the remaining period from 150 years commencing on December, 1933, of tenements numbered twenty one and twenty seven (21 and 27), Żimelli Street, Ħamrun, including a backyard accessible from both tenements, as being subject to the annual and temporary groundrent, valued at €260,889.82.

The said tenement is the property of Louis (ID 871952M) and Alberta (ID 810052M) spouses Pace.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Alan Saliba on 10th March, 2005.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 27th February, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

365

B'digriet mogħti, fil-15 ta' Jannar 2009 u ieħor fit-13 ta' Frar 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1218/08 AL, fl-ismijiet London Services Ltd vs Borg Cardona Andrew Avv. noe, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat John Dacoutros, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet London Services Ltd vs Avv. Andrew Borg Cardona, fil-vesti tieghu ta' stralcarju tas-soċjetà John Dacoutros & Sons Ltd (C-26992) u John G. Dacoutros (ID 422641M) ippreżentat

By a decree given on the 15th January 2009 and another on the 13th February 2009, in the records of the Sworn Application number 1218/08 AL, in the names London Services Ltd vs Borg Cardona Andrew Advocate noe, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent John Dacoutros, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application in the names London Services Ltd vs Advocate Andrew Borg Cardona in his capacity of liquidator of the company John Dacoutros & Sons Ltd (C 26992) and John G. Dacoutros (ID 422641M)

fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-4 ta' Diċembru 2008, ir-rikorrenti London Services Ltd (C -3951), talbu lis-soċjetà konvenuta tgħid għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex bid-dispensa tas-smigħ, a tenur tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara illi s-soċjetà attriċi hija kreditriċi tas-soċjetà konvenuta fis-somma ta' €106,622.17.

2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom iħallsu lis-soċjetà attriċi is-somma ta' €106,622.17.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali, kif jingħad fir-rikors, kontra s-soċjetà konvenuta li qegħda tiġi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attriċi: 50, Msida Seafront, Msida.

Konvenut: 145, Xatt tal-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

jew

Dar Joland, Carob Lane, Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 1218/2008 AL, fl-ismijiet London Services Ltd vs Borg Cardona Andrew Avv. Noe jinsab differit għas-17 ta' Marzu 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

filed, in the First Hall Civil Court, on the 4th December 2008, the applicant London Services Ltd (C -3951), asked the defendant company to state why this Honourable Court should not without proceeding to a hearing, in terms of Article 167 et seq. of Cap. 12 of the Laws of Malta:

1.Declare that the plaintiff company is a creditor of the defendant company in the sum of €106,622.17.

2. Condemn the defendants in solidum or either of whom to pay the plaintiff company the sum of €106,622.17.

With costs and legal interests, as stated in the application, against the defendant from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Plaintiff: 50, Msida Seafront, Msida.

Defendant: 145, Xatt tal-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

or

Dar Joland, Carob Lane, Swieqi.

The Sworn Application number 1218/2008 AL, in the names London Services Ltd vs Borg Cardona Andrew, Advocate noe, has been put off to the 17th March 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

366

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Frar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-15 ta' Mejju 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Maria Teresa Micellef f'isimha proprju u f'isem il-mejjet Albino Micallef u Highflyer Services Ltd (C20232) ta' 166, Triq Bormla, Paola, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,551.92 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

By a decree of the Small Claims Tribunal of 16th February 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go p.l.c. (C22334) of Spencer Hill Marsa, filed a Claim on the 15th May 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Maria Teresa Micallef in her own capacity and in the name of the late Albino Micallef and Highflyer Services Ltd (C20232) of 166, Triq Bormla, Paola, to pay the plaintiff company the sum of €2,551.92 which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (392/08MK) hija differita għat-13 ta' Marzu 2009 fis-1.15 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' Marzu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 392/08MK) is put off on the 13th March 2009 at 1.15 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

367

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Jannar 2009, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

John's Garage Limited (C3679) ta' 38, Villambrosa, Hamrun, ippreżentaw Talba fis-17 ta' Ottubru 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Balzan ta' Flat 4, Falcon Court, Triq Katrina Vitale, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,568 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (768/08ISB) hija differita għat-13 ta' Marzu 2009 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 5 ta' Marzu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 26th January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

John's Garage Limited (C3679) of 38 Villambrosa Street, Hamrun, filed a Claim on the 17th October 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Balzan of Flat 4, Falcon Court, Triq Katrina Vitale, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of €1,568 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 768/08ISB) is put off on the 13th March 2009 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 5th March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

368

B'digriet mogħti fl-10 ta' Diċembru 2008, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1154/08JA, fl-ismijiet Agius Mary kontra Gauci Maris et. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru 2008, fl-ismijiet Mary Agius (596037M) kontra Maris Gauci u Felix Gauci, ir-rikorrenti talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tipproċedi bis-smigħ ta' din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 167 et, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

By means of a decree given on the 10th December 2008, by the Civil Court First Hall, in the records of the Sworn Application Number 1154/08JA, in the names Agius Mary versus Gauci Maris et the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall, on the 20th November, 2008 in the names Mary Agius (596037M) versus Maris Gauci u Felix Gauci the applicant requested with respect that this Honourable Court:

1. Proceeds without a hearing to deliver judgement in terms of Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

2. Salv kull dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, tiddikjara li l-intimati ma għandhom titolu fuq il-fond premess fir-rikors;

3. Tordna lill-intimati jiżgombraw mill-fond premess fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti,

Bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u bl-ispejjeż kontra tagħhom

Lista ta' Dokumenti

Lista ta' xhieda.

Attriċi: 75, Triq Sant'Alfonsu, Tas-Sliema.

Konvenuta:20, Triq San Alfonsu, Tas-Sliema.

Dan ir-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Agius Mary vs Gauci Maris et, rikors numru 1154/08JA, ġie differit għat-23 ta' Marzu 2009, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Saving any necessary and opportune declaration, declare that the respondents do not have any title on the premises, premised in the application;

3. Orders the respondents to vacate the mentioned premises in a short and peremptory time to be established by this Honourable Court,

The respondents are summoned so that a reference to their evidence be made and with costs against them.

List of documents

List of witnesses.

Applicant: 75, Triq Sant' Alfonsu, Sliema.

Defendant: 20, Triq Sant' Alfonsu, Sliema.

The Sworn Application, in the names Agius Mary vs Gauci Maris et, application number 1154/08 JA has been put off to the 23rd March 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

369

B'digriet mogħti fis-26 ta' Novembru 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 795/08FS, fl-ismijiet Charles Grech & Co Limited (C-2473) kontra Vella Petroni Karl et il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili,ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph John Azzopardi, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-5 ta' Awwissu 2008, fl-ismijiet Charles Grech & Co Limited (C-2473) kontra Karl Vella Petroni (ID 382M) u Joseph John Azzopardi (ID 139384M) it-tnejn f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' PBA Limited (C-38972), is-soċjetà attriċi talbet bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza ta' PBA Limited, iħallsu lis soċjetà attriċi, is-somma ta' EURO 11,934.87 liema somma tirrappreżenta bilanċ minn somma akbar ta' prezz ta' xogħol mibjugħ u

By means of a decree given on the 26th November 2008, in the records of the Sworn Application Number 795/08FS, in the names Charles Grech & Co Limited (C-2473) versus Vella Petroni Karl et, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joseph John Azzopardi, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court First Hall on the 5th August, 2008, in the names Charles Grech & Co Limited (C-2473) versus Karl Vella Petroni (ID 382M) and Joseph John Azzopardi (ID 139384M) both in their names and in the name and on behalf of PBA Limited (C-38972) the applicant company, requested with respect:

1. That this Honourable Court delivers judgement without proceeding to a hearing in terms of Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

2. Condemn the respondents Karl Vella Petroni and Joseph John Azzopardi both in their names and in the name and on behalf of PBA Limited to pay the sum of EURO 11,934.87 which sum represents a balance from a larger sum of the price of work sold and consigned to the respondent company

kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta, u l-ħlas ta' liema bilanċ ġie ggarantit mill-konvenuti proprio.

Bl-ispejjeż …omissis… u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-konsenja ...omissis... kontra l-konvenuti proprio et nomine, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Rikorrenti: Charles Grech & Co Ltd, Valley Road, Birkirkara.

Intimati: 1 …omissis…
2. Joseph John Azzopardi, 13/63, Portomaso Complex, Triq Ġdida fi Triq il-Knisja, Paceville.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Charles Grech & Co Limited vs Vella Petroni Karl et numru 795/08 FS, ġie differit għat-18 ta' Marzu 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and the payment of the balance had been guaranteed by the respondents proprio.

With costs ...omissis… and legal interests from the date of consignment …omissis... against the defendants proprio et nomine, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Applicant: Charles Grech & Co Ltd, Valley Road, Birkirkara.

Respondents:1 …omissis…
2. Joseph John Azzopardi, 13/63, Portomaso Complex, New Street in Church Street, Paceville.

The Sworn Application in the names Charles Grech & Co Limited vs Vella Petroni Karl et, number 795/08 FS, was put off to the 18th March 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

370

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4300/08, fl-ismijiet Bonnici Insurance Agency Limited vs Justine Zammit et, ordnat is-segwenti pubblikjazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Justine Zammit, Jean Pierre Vella ta' 26, Maple Leaf, Triq Dun Frans Camilleri, San Ġwann u Glenn Vella, fis-17 ta' Ottubru 2008, Bonnici Insurance Agency Limited (C-8614) bħala agenti tas-soċjetà Middlesea Insurance p.l.c. ta' 222, The Strand, Gżira, filwaqt illi tagħmel riferenza għall-proċeduri ta' Arbitraġġ Mandatorju fl-ismijiet SMS Insurance Agency Limited vs Jean Pierre Vella et, deċiżi nhar il-21 ta' Frar 2006 mill-Avv. Joseph Micallef Stafrace, illi permezz tagħhom inti Jean Pierre Vella instabt unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-12 ta' Novembru 2003 ġewwa Santa Venera, għal darb'oħra u kif diga għamlet preċedentement u formalment, qiegħda tinformakom għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi hija qiegħda tqis il-claim irreġistrat minnkom riferibbilment għall-imsemmi inċident bħala wieħed frawdolenti, u dan billi jirriżulta illi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BAJ 273, proprjetà tiegħek Justine Zammit kienet fil-ħin tal-inċident misjuqa minnek Glenn Vella, iżda intom, jew min minnkom,

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 7th January 2009, in the records of the judicial letter number 4300/08, in the names Bonnici Insurance Agency Limited vs Justine Zammit et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Justine Zammit, Jean Pierre Vella of 26, Maple Leaf, Triq Dun Frans Camilleri, San Ġwann and Glenn Vella, on the 17th October 2008, Bonnici Insurance Agency Limited (C-8614) as agents of Middlesea Insurance p.l.c. of 222, The Strand, Gzira, whilst referring to the procedures in the Compulsory Arbitration in the names SMS Insurance Agency Limited vs Jean Pierre Vella et, decided on the 21st February 2006 by Dr Joseph Micallef Stafrace, in virtue of which you Jean Pierre Vella was found to be the only one responsable for the car accident which occured on the 12th November 2003 in St Venera, and again as it has been done previously and formally, it is informing you for all effects and purposes of law that it is considering the claim put forward by you regarding the said accident as fraudulent because as it results that the vechile with registration number BAJ 273, property of Justine Zammit at the time of the accident was driven by Glenn Vella, but you or either of you agreed between you and gave

ikkomplottajtu bejnietkom u tajtu informazzjoni falza lill-Uffiċjal Investigattiv, b'dan illi informajtuh fradolentement illi l-vettura kienet misjuqa minnek Jean Pierre Vella.

Illi għalhekk f'każ illi l-mittenti tiġi obbligata li teffettwa xi pagamenti għan-nom tagħkom jew min minnkom, hija qiegħda minn issa tirriserva l-pożizzjoni tagħha fil-konfront tagħkom, skond il-Liġi u sejra tipproċedi ulterjorment fil-konfront tagħkom għall-ħlas tal-ammonti kollha minnha sborsati f'dan ir-rigward, inkluż l-ispejjeż u l-interessi.

Din l-ittra qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, u senjatament tal-Kap. 12, 16 u 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 4 ta' Marzu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

false information to the Investigationg Officer, and this by fraudulently informing him that the car was driven by you Jean Pierre Vella.

In the case that the interpellant company is obliged to effect any payments on your behalf or either you, it is from now reserving its position in your regard for the payments of all the amounts disbursed in this regard, including expenses and the interest, that it has to pay on your behalf.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of Law, and especially Cap. 12, 16 and 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 4th March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

371

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Jannar 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2998/08, fl-ismijiet Michael Attard Ltd vs Anthony Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Anthony Borg ta' Flat 2, Tal-Qattus, Binja tat-Torri, Ent C, B'Kara, fit-22 ta' Lulju 2008, Michael Attard Ltd (C32362) ta' Attard Building, National Road, Blata l-Bajda qed tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika ta' dan l-att int tħallas s-somma ta' €4,064.58 rappreżentanti import ta' tmintax (18)-il kambjala, iffirmati minnek, liema kambjali skadew fid-19 ta' Jannar 2007, fid-19 ta' Frar 2007, fid-19 ta' Marzu 2007, fid-19 ta' April 2007 fid-19 ta' Mejju 2007, fid-19 ta' Ġunju 2007, fid-19 ta' Lulju 2007, fid-19 ta' Awwissu 2007, fid-19 ta' Settembru 2007, fid-19 ta' Ottubru 2007, fid-19 ta' Novembru 2007, fid-19 ta' Dicembru 2007, fid-19 ta' Jannar 2008, fid-19 ta' Frar 2008, fid-19 ta' Marzu 2008, fid-19 ta' April 2008, fid-19 ta' Mejju 2008 u fid-19 ta' Ġunju 2008 iżda baqgħu ma tħallsux lis-soċjetà mittenti.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà mittenti qiegħda trendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv tagħha hawn indikat u dana ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

By means of a decree given by Courts of Magistrates (Malta) on the 7th January 2009, in the records of the judicial letter number 2998/08, in the names Michael Attard Ltd vs Anthony Borg, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Anthony Borg of Flat 2, Tal-Qattus, Binja tat-Torri, Ent C, Birkirkara, on the 22nd July 2008, Michael Attard Ltd (C32362) of Attard Bulding, National Road, Blata l-Bajda, calls upon you so that within two days from the date of service of this judicial act you pay the sum of €4,064.58 representing import of eighteen (18) bills of exchange signed by you, which bills of exchange lapsed on the 19th January 2007, 19th February 2007, 19th March 2007, 19th April 2007, 19th May 2007, 19th June 2007, 19th July 2007, 19th August 2007, 19th September 2007, 19th October 2007, 19th November 2007, 19th December 2007, 19th January 2008, 19th February 2008, 19th March 2008, 19th April 2008, 19th May 2008 and 19th June 2008 but are still not paid for to the interpellant company.

By means of this present the interpellant company is rendering executable its executive title here under indicated and this in terms of article 253 (e) Cap. 12 of the Laws of Malta.

Għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi int qed tiġi informat illi a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt li topponi għall-eżekuzzjoni ta' dawn il-kambjali billi tippreżenta ir-rikors opportun skond il-liġi fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika ta' dan l-att.

Fin-nuqqas li taderixxi ma' din l-intimazzjoni s-soċjetà mittenti ser tgħaddi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv tagħha u dan ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali hija rikjesta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza tal-kambjali sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Marżu 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

For all intents and purposes of law you are being informed that in terms of ariticle 253 (3) Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right that within twenty (20) days from the date of service of this act, you will present an application to oppose the execution of these bills of exchange.

If you fail to abide with this calling the interpellant company shall pass to execute its executive titles and this in terms of article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

This official letter is requested in terms of Article 256 (2) Cap. 12 of the Laws of Malta.

With costs and interests from the due date of the bills of exchange till the date of effective payment.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th March 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

372

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Adrian Darmanin (K.I. Nru. 433775M) ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 75/09 AF) fejn talab il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Andrea Carl Naudi li jġib in-numru 331/2009 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 4 ta' Marzu 2009

GRAZIELLA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Adrian Darmanin (ID 433775M) filed an application under oath (No. 75/09 AF) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH of the minor child Andrea Carl Naudi number 331/2009 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 4th of March 2009

GRAZIELLA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

373

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-9 ta' Jannar 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 286/08, fl-ismijiet Korporazzjoni għas-servizzi tal-Ilma noe vs Sally Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Sally Caruana (ID339766M) ta' 22, Flat 2, Triq tal-Karmnu, Valletta, fit-18 ta' Jannar 2008, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'isimha proprju u għan-nom tal-Enemalta, tinterpellak sabiex, fi żmien jumejn min-notifika tal-preżenti, inti tħallasha s-somma €3,492.80 dovuti minnek lilha ghall-konsum ta' kera ta' meters ta' l-ilma u tal-elettriku fil-fond 22, Triq tal-Karmnu, Valltta matul l-perjodu 23 ta' Awwissu 2007 u fix-xhur ta' qabel skond il-kont numru 060/802190.

Il-mittenti tavżak illi, jekk jgħaddi inutilment iż-żmien lilek konċess, hi ser tkun kostretta tipproċedi kontrik skond il-liġi.

Din l-ittra ufficjali qiegħda tiġi preżentata ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) sabiex il-Korporazzjoni mittenti turi biċ-ċar li fi ħsiebha żżomm il-jeddijiet tagħha kontra l-intimat.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Marżu 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the Courts of Magistrates (Malta) given on the 7th January 2009, in the records of the judicial letter number 286/08, in the names Water Services Corporation noe vs Sally Caruana, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Sally Caruana (ID339766M) of 22, Flat 2, Triq tal-Karmnu, Valletta, on the 18th January 2008, the Water Services Corporation in its own name and on behalf of Enemalta, calls upon you so that within two days from the service of this letter you pay the sum of €3,492.80 due by you for the consumption and rent of the water and electricty meters in the premises 22, Triq tal-Karmnu, Valletta during the period of 23rd August 2007 and the months before according the bill number 060/802190.

The interpellant warns you, that if the time given to you uselessly passes it shall be forced to proceed against you according to law.

This official letter is being presented in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16) so that the interpellant Corporation clearly shows that it intends to hold firm its rights against the respondent.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 4th March 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

374

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Nutarili, b'digriet tal-24 ta' Frar, 2009 ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Twelid ta' Josephine Ellul li jġib in-numru 8624 tas-sena 1953 fis-sens illi fill-kolonna intestata, "Isem il-Wild" l-isem "Gużeppa" jigi kanċellat u sostitiwit bil-kunjom "Josephine".

Illum, 24 ta' Frar, 2009

CARMEL MUSCAT
Għar-Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Attijiet Nutarili

It is hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 24th day of February, 2009, ordered the correction of the Act of Birth of Josephine Ellul bearing number 8624 of the year 1953 in the sense that in the column entintled "Name of the child" the name "Gużeppa" be cancelled and substituted with the name "Josephine."

This, 24 th day of February, 2009

CARMEL MUSCAT
F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts

375

AVVIŻ

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili
Fl-atti tas-Subbasta numru 25/08 fl-ismijiet:

Britannia Financial Services Limited

Vs

Foresight Holdings Limited

Onor Imħallef Dr Giannino Caruana Demajo

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tal-Ħamis, 20 ta' Novembru 2008 bil-prezz ta €47,500 favur Britannia Financial services rigward il-proprjetà hawn taħt imsemmija u li kienet tappartjeni lil Foresight Holdings Limited imsemmija fl-istess atti u ċioè:-

L-għalqa magħrufa 'Tal-Qarbuni' li tikkonsisti f'żewġ għelieqi kontigwi, magħrufa 'Ta' Wara il-Palazz tat-Telgħa ossija Casa San Anton', li jinsabu fit-triq magħrufa it-Telgħa tal-Wardija, il-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, tal-kejl ta' 3,685 metri kwadri, stmata li tiswa €94,200.

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Catherine Fenech (KI 408558M) għan-nom in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta PLC kisret il-kwindena u offriet €49,000 għal proprjetà hawn fuq imsemmija.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-proprjetà hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis, 16 ta' April 2009 mid-9.00 a.m. sa nofs in-nhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 27 ta' Frar 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE

In the First Hall of the Civil Court
In the records of Judicial Sale by Auction number 25/08 in the names:

Britannia Financial Services Limited

Vs

Foresight Holdings Limited

Honourable Mr Justice Dr Giannino Caruana Demajo

The Court,

Following the adjudication of Thursday 20th November 2008 in favour of Britannia Financial Services for the price of €47,500 for the hereunder mentioned tenement belonging to Foresight Holdings Limited mentioned in the same Judicial Acts namely:-

The field known as 'Tal-Qarbuni', consisting of two contiguous lands, known lands 'ta wara l-Palazz tat-Telgħa or Casa San Anton', found in the street known as 'it-Telgħa tal-Wardija', Wardija, limits of St Paul's Bay, measuring 3,685 meters squared, valued at €94,200.

Whereas Catherine Fenech (ID 408558M) in name and repreantation of HSBC Bank Malta PLC interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of €49,000 for property mentioned above.

The Court therefore decrees and appoints Thursday 16th April 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 27th February 2009

ALAN K.ZERAFA,B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*